MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 219/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha Anthony Grixti abbazi tal-polza ta` assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Anthony Grixti (ID-534265-M)**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, Valletta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Jannar, 2005, fejn intalab li l-Kunsill konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine et Is-somma ta' elf lira maltija llum ekwivalenti ghal Euro2,329.37c, rapprezentanti valur ta` danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta` ncident stradali li sehh nhar il-25 ta` Marzu,

2003 fis-2.30 p.m. gewwa Jews Sally Port, Valletta fejn kienet involuta l-vettura ta` l-attur Grixti bin-numru DAS-222, liema ncident gara minhabba nuqqas ta` manutenzjoni adegwata mill-Kunsill ta` din it-triq li kienet fi stat perikoluz u fil-fatt il-hsarat lamentati gew kawzati meta l-vettura dahlet f'hofra kbira f'din il-lokalita`.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta` dana l-att sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fejn kkontestaw it-talba attrici fis-sens li huma ma kienux responsabbli ghal dan l-incident li sehh unikament minhabba tortijiet imputabbli lill-istess attur assikurat. Fi kwalunkwe kaz kellha titressaq ukoll il-prova tad-danni.

Sema` l-provi mressqa u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi mid-dokument immarkat RF1 jirrizulta li l-attur Grixti kien irrapporta lill-Pulizija li dak in-nhar stess xi nofs siegha qabel huwa kien waqa` f'hofra kbira meta kien qed isuq il-vettura DAS-222 gewwa Jews Sally Port, Valletta bil-konsegwenza li kkagunalha l-hsara. Il-Pulizija marru fuq il-post u nnotaw li din il-vettura kienet ghamlet nose dive f'din il-hofra u kwindi hadu hsieb li jinformaw lill-Kunsill sabiex jigi minimizzat il-periklu. Gie notat ukoll fl-istess rapport tal-pulizija li gia` kien hemm xi rapport precedenti li ndika tali periklu (nru 1/A/1104/03) u difatti il-lok kien gia` jinsab mdawwar bi crash barriers provduti mill-istess pulizija. Dan ir-rapport gie konfermat bil-gurament minn PS 1218 Ray Vella. Dan is-Surgent ra b'ghajnejh il-vettura fil-hofra u kif ukoll il-hsarat li garbet. Innota wkoll li l-crash barriers prezenti fuq il-lok ma kienux pozizzjonati fejn il-hofra, kienu mxerrda 'l hawn u 'l hinn, uhud minnhom addirittura fuq il-bankina stess. Jafferma li din il-hofra kienet fonda hafna, (u kwindi ta` periklu

sostanzjali) tant li anke seta` jara l-bahar fil-qiegh taghha apparti li din kienet wiesgha mhux hazin ukoll cioe` tliet metri b'erba` metri. Dan is-Surgent ikompli jghid li minn investigazzjoni minnu maghmula rrizultalu li l-hofra nfethet meta t-triq kienet sfrondat fid-19 ta` Marzu cioe` kwazi gimgha shiha qabel l-incident u li in segwitu din kienet twittiet tliet ijiem wara l-incident cioe` fit-28 ta` Marzu. Jikkonferma wkoll li vettura kellha ta` bilfors tghaddi ghall-karreggjatura opposta sabiex tevita din il-hofra li kienet tibda` xi zewg piedi l-boghod mill-bankina.

Is-Sindku konvenut ikkonferma li l-Kunsill kien jaf minn qabel b'din il-problema tal-hofra tant li flimkien mal-pulizija kienu ghamlu crash barriers fuq il-post. Il-Kunsill fil-fatt kien beda jiehu azzjoni fuq dan il-periklu sa minn hames t'ijiem qabel l-incident in segwitu ta` rapport tal-Perit Vella Linicker. Jikkonferma wkoll li sad-data ta` l-incident kienu ghadhom ma rrimedjawx ghal dan il-periklu hlief bil-crash barriers. In kontro-ezami jkompli jikkonferma li l-lok ta` l-incident kien accessibbli ghal pubbliku. Ighid ukoll li kien l-istess Kunsill li hallas ghall-ispejjez tax-xogholijiet rimedjali u dana mhux necessarjament minhabba xi obbligu legali izda sabiex jitnehha l-periklu ghal pubbliku.

L-ittra ezebita mill-istess Sindku konvenut a fol. 50 tal-process mibghuta mill-Gvern Centrali hija sinifikattiva fis-sens li jindika lill-istess Kunsill bhala l-Awtorita` responsabbli biex isiru xogholijiet rimedjali f'tali triq stante li tikkoncerna triq urbana ghal kuntrarju ta` triq arterjali u kwindi jispetta lill-Kunsill sabiex jezekwixxi kull xoghol ta` manutenzjoni.

L-ittra ezebita mill-istess Sindku konvenut a fol. 51 tal-process hija ferm sinifikattiva in kwantu tindika li sa hames t'ijiem qabel l-incident il-Perit Vella Lenicker kien gia` afferma bla tlaqliq li "The damage represents a grave danger to the public, particularly to vehicles and their passengers. Since a substantial part of the hollowed out cavern is still covered by the asphalt, the appearance can be deceptive". It is thus recommended that the road is closed immediately and vehicles are not allowed to enter under any circumstances".

Illi jidher li l-Kunsill konvenut naqas li jadotta *in toto* ir-rakkomandazzjonijiet maghmula f'dan ir-rapport peritali peress li naqsu li jaghlqu t-triq ghal vetturi u minflok poggew biss xi barriers ma` l-hofra. In-nuqqas da parti tal-Kunsill pero` jkompli jimmanifesta ruhu peress illi fl-ewwel lok ma jirrizultax li nkarigaw lil xi hadd biex jassikura li dawn il-barriers jibqghu kostantement dejjem posizzjonati tajjeb ghal protezzjoni tal-pubbliku u fit-tieni lok rrizulta li sa hames t'ijiem wara li gew mgharfa b'tali periklu x-xogholijiet rimedjali li kellhom jigu ezegwiti fi zmien imminenti kienu baqghu ma sarux bil-konsegwenza li l-hofra baqghet presenza ta` periklu  serju ghal pubbliku mid-19 ta` Marzu, sat-28 ta` Marzu cioe` disa` t'ijiem shah. Il-Kunsill ghandu tassew jirringrazzja 'l Alla li ma sehhx xi incident aktar serju f'dak il-lok.

Illi in kwantu l-valur tad-danni mitluba, dawn jinsabu ampjament ppruvati permezz tad-dokumenti ezebiti hlief ghal Lm25 excess payment pero` t-Tribunal huwa soddisfat li biex l-assikurazzjoni attrici kopriet lill-attur Grixti, dan ta` l-ahhar ikun necessarjament hallas dan il-pagament jew ikunu naqsulu dan l-ammont mis-somma minnu mahruga bhala spejjez.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, kwindi jiddikjara lill-istess konvenuti fil-kariga ufficcjali taghhom kif imharrka bhala responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma rikjesta ta` Euro2,329.37c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------